# Reġistrazzjoni ta' operaturi, stabbilimenti jew impjanti tal-ABP

**Kontenut**

- Min jew x'għandu jiġi rreġistrat?
- Xi jfisser eżatt dan?
- Kif nista' nkun reġistrat?
- Kemm tiġini tiswa r-reġistrazzjoni?
- Liema huma r-rekwiżiti li rrid nimxi magħhom fi stabbiliment/impjant irreġistrat?
- X'inhu safe sourcing?
- X'inhu trattament sigur?
- X'inhu safe end use?
- Liema huma l-faċilitajiet li Impjant/Operatur irreġistrat għandu jkollu?
- Ser inkun suġġett għal spezzjoni uffiċjali?

**Min jew x'għandu jiġi rreġistrat?**

Il-leġislazzjoni tal-UE relevanti hija:

- Regolament **1069/2009** hawnhekk imsemmi bħala "Regolament ta' Kontroll".
- Regolament ta' Implimentazzjoni **142/2011** hawnhekk imsemmi bħala "Regolament ta' Implimentazzjoni".

Kwalunkwe operatur, stabbiliment jew impjant li jiġġenera, jittrasporta, jitratta, jipproċessa, jaħżen, ipoġġi fis-suq, jiddistribwixxi, juża jew jarmi prodotti sekondarji ġejjin mill-annimali jew prodotti derivati għandu jkun irreġistrat qabel jibda l-operat. Dan ir-rekwiżit huwa msemmi f'Artikolu 23 tar-Regolament ta' Kontroll tal-UE.

Hemm xi eċċezzjonijiet speċifiċi għal dan ir-rekwiżit u n-notifikazzjoni mhux meħtieġa għal:

- impjanti li huma diġà approvati skont Artikolu 24 tar-Regolament ta' Kontroll tal-UE
- stabbilimenti tal-ikel li huma diġà rreġistrati jew approvti skont Regolament (KE) **Nru 852/2004** jew Regolament (KE) **Nru 853/2004**
- irziezet jew binjiet oħra fejn jinżammu, jitgħammru jew jieħdu ħseib l-annimali.

Leġislazzjoni preċedenti kienet titlob li ċerti kategoriji ta' impjanti ABP riedu jiġu approvati, e.ż. Impjanti Tekniċi, Ċentri ta' Ġbir, Utenti Finali Awtoirzzati u Mħażen tas-Suf tan-Nagħaġ/Impjanti tal-Ippakkjar. Ir-Regolament il-ġdid ta' Kontroll tal-UE ma jeħtiġx approvazzjoni f'dawn il-każijiet iżda minflok dawn l-impjanti għandhom jiġu rreġistrati mad-Dipartiment għas-Saħħa u l-Benesseri tal-Annimali.

Ir-Regolament ta' Kontroll tal-UE jintroduċi wkoll ir-rekwiżit għall-hauliers ABP li jiġu rreġistrati mad-Dipartiment għas-Saħħa u l-Benesseri tal-Annimali. Impjanti ABP approvati li joperaw ukoll trasport ta' merkanzija mill-istess sit m'għandhomx bżonn reġistrazzjoni separata għal dik il-parti tan-negozju ladarba dan huwa parti integrali mill-operat tal-impjant.

**Xi jfisser eżatt dan?**

Binjiet approvati skont ir-regolamenti tal-iġjene tal-ikel bħall-biċċeriji jew impjanti tat-tqattigħ m'għandhomx bżonn jiġu rreġistrati.



Settembru 2020

Impjanti ABP approvati bħall-impjanti tar-rendering, manifatturi ta' ikel tal-annimali, eċċ. m'għandhomx bżonn ikunu rreġistrati.

Irziezet/min iżomm il-bhejjem li jittrasportaw l-annimali mejtin/ABP tagħhom għall-punt tar-rimi m'għandhomx bżonn jiġu rreġistrati.

It-trasportaturi indipendenti kollha li jixtieq@ jtrasportaw ABPs nejjin jew prodotti derivati minnhom għandhom ikunu rreġistrati skont dan ir-regolament. Din hija bidla importanti fir-regoli.

Trasport li jitmexxa bħala parti ddedikata mill-operat ta' ABP approvat/irreġistrat diġà m'għandux bżonn reġistrazzjoni doppja. Pereżempju, kumpanija tal-ipproċessar/rendering li tmexxi l-flotta tagħha ta' vetturi għall-ġbir ta' stokk mejjet tista' tagħmel dan bħala parti mill-approvazzjoni ġenerali tagħha. Din l-approvazzjoni ma tkoprix partijiet terzi li jwasslu stokk mejjet fil-kumpanija jew li jneħħu prodtti derivati minn fuq is-sit.

**Kif nista' nkun reġistrat?**

Biex wieħed ikun irreġistrat, għandu jagħmel kuntatt mad-Dipartiment għas-Saħħa u l-Benesseri tal-Annimali, Triq il-Biċċerija, Albertown Marsa fuq 22925372/76**,** jew jibgħat email fuq abpsection.mafa@gov.mt Tista' wkoll tikseb formola ta' applikazzjoni għan-negozju tiegħek billi tibgħat talba lill-istess indirizz elettroniku.

Huma mitluba għadd ta' dettalji b'rabta mal-:

- kategorija tal-prodotti sekondarji ġejjin mill-annimali jew prodotti derivati li jaqgħu taħt il-kontroll tiegħek
- in-natura tal-operazzjonijiet li jsiru bl-użu ta' prodotti sekondarji mill-annimali jew prodotti derivati li jaqgħu taħt il-kontroll tiegħek
- ladarba rreġistrat għandek tinnotifika lis-Servizz Veterinajru bi kwalunkwe bdil fl-operat tiegħek inkluż l-għeluq ta' kwalunkwe impjant li jaqa' taħt il-kontroll tiegħek.

**Kemm tiġini tiswa r-reġistrazzjoni?**

Preżentament m'hemm l-ebda ħlas għar-reġistrazzjoni, iżda din tista' tinbidel fil-futur.

**Liema huma r-rekwiżiti li rrid nimxi magħhom fi stabbiliment/impjant irreġistrat?**

Ir-rekwiżiti huma mniżżla f'Artikoli 36, 37, 38 u 39 tar-Regolament ta' Kontroll tal-UE. Dawn jgħidu li:

- prodotti jistgħu jitpoġġew fis-suq ladarba dawn mhumiex maħsuba bħala għalf għall-annimali tal-irziezet jew applikazzjoni fuq l-art li minnha jieklu l-annimali tal-irziezet.
- wieħed għandu jassigura li jikkontrolla r-riskju għas-saħħa pubblika u dik tal-annimali billi jaddotta sistema ta' safe sourcing hekk kif miktub f' Artikolu 37 **u**
- wieħed għandu jassigura t-trattament sigur skont Artikolu 38 fejn is-safe sourcing ma joffrix biżżejjed kontroll, **jew**
- wieħed għandu jivverifika li l-prodotti jintużaw biss għal skop sigur skont Artikolu 39 fejn it-trattament sigur ma joffrix biżżejjed kontroll.

**X'inhu safe sourcing?**

Dan huwa speċifikat f'artikolu 37 tar-Regolament ta' Kontroll tal-UE, u jinvolvi:

- l-użu biss ta' materjal li ma joffrix riskju mhux aċċettabbli għas-saħħa pubblika u dik tal-annimali u t-trasport ta' materjal isir b'mod sigur sew jekk joriġina mill-UE jew jekk ikun impurtat ġewwa l-UE.
- kapaċi jipprovdi dokumentazzjoni li tikkonferma l-punt imsemmi hawn fuq u fejn meħtieġ jipprovdi prova tal-miżuri meħuda b'rabta mas-sigurtà bijoloġika.
- meta l-materjal huwa impurtat minn barra l-UE għandu jkun akkumpanjat minn ċertifikati tas-saħħa.

**X'inhu trattament sigur?**

Trattament sigur jinvolvi l-applikazzjoni ta' proċess ta' manifattura li jirriduċi r-riskju għas-saħħa tal-pubbliku u dik tal-annimali għal livelli aċċettabbli. Għandu jassigura li l-prodott derivat ma jimponi l-ebda riskju, b'mod partikolari permezz ta' testijiet fuq il-prodott finali.

**X'inhu safe end use?**

Safe end use jinvolvi l-użu ta' prodott derivat:

- f'kundizzjonijiet li ma jimponux riskju għas-saħħa tal-pubbliku u dik tal-annimali.
- fejn jistgħu jimponu riskju għas-saħħa pubblika jew dik tal-annimali, iżda r-riskju huwa ġustifikat b'objettivi msemmija fil-leġislazzjoni tal-Komunità, b'mod partikolari għall-promozzjoni tas-saħħa tal-pubbliku u dik tal-annimali.

**Liema huma l-faċilitajiet li Impjant/Operatur irreġistrat għandu jkollu?**

Dawn ir-rekwiżiti huma msemmija fir-Regolament (KE) 142/2011 f'Anness IX, Kapitolu IV. Operaturi rreġistrati għandhom jitrattaw il-prodotti sekondarji ġejjin mill-annimali skont il-kundizzjonijiet li jsegwu:

- binjiet għandhom ikunu mibnija b'tali mod li jippermettu tindif u diżinfezzjoni effettivi fejn meħtieġ.
- binjiet għandhom ikollhom policies xierqa ta' kontroll ta' pesti.
- installazzjonijiet u tagħmir għandhom jinżammu f'kundizzjoni iġjenika.
- prodotti sekondarji ġejjin mill-annimali u prodotti derivati għandhom jinħażnu b'mod li ma jkunx hemm kontaminazzjoni.

Barra minn hekk, operaturi għandhom iżommu rekords f'forma li hija aċċessibli biex tippermetti spezzjoni mid-Dipartiment għas-Saħħa u l-Benesseri tal-Annimali.

Operaturi rreġistrati li jitrasportaw prodotti sekondarji mill-annimali jew prodotti derivati, apparti trasport bejn il-binjiet tal-istess operatur, għandhom:

- Ikollhom informazzjoni għad-dispożizzjoni tagħhom fir-rigward tal-identifikazzjoni tal-vetturi tagħhom, li tippermetti l-verifikiazzjoni tal-użu tal-vetturi għat-trasport ta' ABPs u prodotti derivati.
- Inaddfu u jiddiżinfettaw il-vetturi skont kif meħtieġ.
- Jieħdu l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa biex jipprevjenu l-kontaminazzjoni u t-tixrid ta' mard fost il-bniedem u l-annimali.

**Ser inkun suġġett għal spezzjoni uffiċjali?**

Ir-Regolament ta' Kontroll tal-UE jesiġi li d-Dipartiment għas-Saħħa u l-Benesseri tal-Annimali iwettaq kontrolli uffiċjali u jagħmel superviżjoni tal-immaniġġjar tal-ABPs u prodotti derivati f'impjanti rreġistrati fuq bażi ta' riskju. Anness XVI ta' Regolament (KE) jipprovdi għall-aċċess għal lista ta' impjanti approvati u rreġistrati. Artikolu 40 tar-regolament ABP (KE) jipprovdi biex aktar regolamenti ta' implimentazzjoni jiddaħħlu fis-seħħ f'data fil-futur li jistgħu jbiddlu r-rekwiżiti li wieħed għandu jsegwi sa issa.